

Brussell, 18 ta' Frar 2025
(OR. en)

6327/25

UEM 66

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Sa Christine LAGARDE, President tal-Bank Ċentrali Ewropew
data meta waslet:	17 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sur Thomas WESTPHAL, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2025/6)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument BĊE/2025/6.



BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA

MT

Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew

tat-12 ta' Frar 2025

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali Ewropew
(BĊE/2025/6)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni preżenti tal-BĊE, Baker Tilly GmbH & Co. KG Wirtschaftsprüfungsgesellschaft, ser jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2024. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2025.
- (3) Il-BĊE għażel lil Forvis Mazars GmbH & Co. KG Wirtschaftsprüfungsgesellschaft Steuerberatungsgesellschaft bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2025 sa 2029, bl-għażla li l-mandat jiġi estiż sa sentejn finanzjarji addizzjonali (jiġifieri sal-2030 jew sal-2031),

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rakkomandat li Forvis Mazars GmbH & Co. KG Wirtschaftsprüfungsgesellschaft Steuerberatungsgesellschaft għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-BĊE għas-snin finanzjarji 2025 sa 2029, bl-għażla li l-mandat jiġi estiż sa sentejn finanzjarji addizzjonali (jiġifieri sal-2030 jew sal-2031).

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-12 ta' Frar 2025.

Il-President tal-BĊE

Christine LAGARDE